MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 707/1998/1

**Id-Direttur tal-Kuntratti**
**Vs**
**Office Electronics Limited**

**Il-Qorti,**
Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur talab u ppremetta hekk:

Premess illi s-socjeta' konvenuta kienet intrabtet li tissuplixxi lill-attur bi kwantita' ta' "Xenographic Paper" wara li l-attur kien accetta zewg offerti maghmulin mill-istess socjeta' in segwitu ghal zewg sejhiet ghal offerti pubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern fit-3 ta' Novembru, 1992 (Avviz tat-Tezor Nru. 445/92) u fit-13 ta' Novembru, 1992 (Avviz tat-Tezor Nru. 461/92);

Premess illi l-ittri ta' accettazzjoni relattivi kienu inhargu fit-13 ta' Jannar, 1993 (Letter of Acceptance 15/93) u fil-11 ta' Jannar, 1993 (Letter of Acceptance 14/93);

Premess illi sussegwentement is-socjeta' konvenuta naqset li twettaq l-obbligi kontrattwali minnha assunti bil-konsegwenza li l-attur kellu fiz-zewg kazijiet jaqa' fuq oblaturi ohra u jixtri min ghandhom;

Premess illi bhala konsegwenza l-attur hallas l-ammont totali ta' erbat elef tmien mija u tmintax-il lira Maltin (Lm4818) aktar fiq iz-zewg kuntratti u dan kwantu ghal Lm1675 relattivament ghal kuntratt konkluz permezz ta' l-ittra ta' accettazzjoni numru 14/93 u kwantu ghal Lm3143 rigward il-kuntratt konkluz bl-ittra ta' accettazzjoni 15/93;

Premess illi kemm skond il-ligi kif ukoll skond il-klawsola 22 tal-"General Conditions of Contract for the Supply of Materials and Other Articles" li jiffurmaw parti mill-kuntratt ta' bejn il-partijiet, is-socjeta' konvenuta hija responsabbli ghall-hlas ta' danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza ta' l-inadempjenza taghha;

Jghid il-konvenut ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjarha inadempjenti fl-obbligi kontrattwali taghha kif fuq spjegat u responsabbli ghall-hlas lill-attur tad-danni minnu konsegwentement sofferti;

2. Tikkundannaha thallas lill-attur is-somma ta' ta' erbat elef tmien mija u tmintax-il lira Maltin (Lm4818), jew somma ohra verjuri li okkorrendo tigi minn din il-Qorti likwidata, ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Dicembru, 1994 kif ukoll dik tal-21 ta' Marzu, 1997 kontra s-socjeta' konvenuta u bl-ingunzjoni tad-diretturi tas-socjeta' Anthony Micallef u Charles Galea Ltd., ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezjonijiet tas-socjeta' konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante illi l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16;

2. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghall-fuq eccepit, il-kuntratt ma setghax jigi esegwit minhabba forza magguri kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi subordinament ghall dawn l-eccezzjonijiet f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi favur l-attur ghandu japplika d-dispost tal-Artikolu 1051 tal-Kap. 16;

4. Salv eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi.

Rat id-dikjarrazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat in-nota prezentata fit-28 ta' Mejju 1989 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta rtirat l-ewwel eccezzjoni;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**
Illi rizultat ta' sejha ghal offerti pubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern tat-3 u tat-13 ta' Novembru 1992, b' Avvizi nurmu 445/92 u 461/92 rispettivament, l-attur accetta l-offerta mressqa mis-socjeta' konvenuta sabiex din tissuplixxi lill-attur bi kwantita' ta' xerographic paper. Din l-accettazzjoni da parti tal-attur saret permezz ta' zewg letters of acceptance datati rispettivament 13 u 11 ta' Jannar 1993.

Illi b' dan il-mod is-socjeta' konvenuta dahlet f' rabta kontrattwali li tforni lill-attur din it-tip ta' karta skond u taht il-kondizzjonijiet specifici indikati fiz-zewg Letters of Acceptance relattivi, kif ukoll skond il-kondizzjonijiet indikati that id-dokument "General Conditions of Contract for the Supply of Materials and Other Articles" formanti parti mill-istess kuntrat.

Illi sussegwentement b' ittra datata 16 ta' Marzu 1993 is-socjeta' konvenuta informat lill-attur li hi ma kienitx fil-posizzjoni li tonera dan il-ftehim, skond it-termini tieghu, minhabba li, nonostante li "our prices were confirmed and valid from our suppliers on export price list for 1992 [l-

istess supplier barrani] now insists that the supply of the whole order should now be based on 1993 prices. To make matters worse, there was a devaluation on the pound Sterling in the process that did not help this situation”.[1] Fi kliem iehor, in-naha konvenuta qed issostni li mhiejx fil-posizzjoni li tissuplixxi l-karti skond il-ftehim, in bazi ghal awment fil-prezzijiet da parti tas-supplier, liema ammont skond il-konvenuti, jammonta ghal aktar minn 40% tal-prezzijiet miftiehma bejniethom. Is-sitwazzjoni kompliet tiggrava ruhu in vista tad-devalwazzjoni tal-lira sterlina. Fl-istess ittra s-socejta’ konvenuta talbet ftit zmien biex tipprova tilhaq ftehim mal-fornituri barranini taghha.

Illi sussegwentement is-socjeta’ konvenuta informat lill-attur li t-tentattivi taghhom biex jilhqu xi forma ta’ ftehim mas-socjeta’ estera fornitrici kienu ma kienux fruttiferi, u ghalhekk b’ ittra datat 30 ta’ Marzu 1993, informat lill-attur li “we are unable to supply at the new conditions now being implemented by our supplier” ghar-ragunijiet minnhom indikati fl-ittra precedenti.

Illi, stante li l-Gvern ma setghax jghaddi minghajr il-fornitura ta’ dawn il-karti huwa kien kostrett li johrog zewg kuntratti godda lis-socejta’ Galaxay Ltd skond il-Letters of Accpetances 264/93 u 262/93 datati rispettivament 16 u 18 ta’ Gunju 1993 bi prezzijiet oghla minn dawk mifthiema fit-tender mal-konvenuti, kif jirriuzulta mill-Letters of Acceptances relattivi.[2] Bir-rizultat li l-Gvern sofra danni fl-ammont ta’ Lm4,818, kif spjegat mill-attur fl-ittra datata 28 ta’ Lulju 1994.[3] Dan l-ammont jirraprezenta “liquidated damages li jirriflettu preciz l-ammont ta’ flus aktar li kellu jhallas il-Gvern biex jiehu l-istess materjal minghand kuntrattur iehor”[4] u l-istess ammont huwa relatata ghall-ammont ta’ karta attwalment mixtrija mill-Gvern.[5]

Illi skond il-klawsola numru 22 tal-“General Conditions of Contract for the Supply of Materials and Other Articles” fil-

[1] Fol.59
[2] Doki.LQ1 sa LQ3 – Fols.132-135
[3] Fol.84
[4] Dep. Joseph Spiteri - Fol.144
[5] Affid. Joseph Spiteri – Fol.40

kaz li l-appaltatur jkun inadempjenti jew moruz fil-konsenja tal-merkanzija oggett tal-kuntratt, minghajr il-permess tal-Accountant General, "the contract shall be deemed to have been abondoned in which case the contractor shall be liable to pay a penalty of 10% of the value of the undelivered goods calculated on the basis of the contract sum, in addition to any compensation which may be due for damages"[6]

Illi l-attur mhux qed jinsisti ghal hlas tal-penali ta' 10 % skond kif stipulat fl-imsemmija klawsola, stante li in vista tad-devalwazzjoni tal-Lira Maltija fl-24 ta' Novembru 1992 "the firm's difficulties ought to be considered favourably and any penalties for damages be accordingly adjusted so as not to inflict 'punishment' for unforseeable economical/political Government Policies".[7]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Kif premess, l-attur qed jillimita l-pretensjoni tieghu ghall-ammont ta' Lm4,818, danni attwalment sofferit minnu minhabba l-inadempjenza kontrattwali da parti tas-socjeta' konvenuta, liema danni jirrapresentaw l-awment fil-prezz li kellu jhallas l-attur sabiex jakkwista l-istess materjal minghand kuntrattur iehor.

Minn naha taghha s-socjeta' konvenuta qed topponi ghat-talba attrici ghall-hlas ta' danni kontrattwali a bazi tal-fatt li l-inadempjenza da parti taghha kienet dovuta ghal forza magguri li ghandha tezimi lill-konvenuta minn kull responsabbilita' ghad-danni.

*Osservazzjonijiet guridici*

In tema legali jigi osservat li l-vertenza in disamina hija regolata bl-Artikoli 1132 sa 1135 tal-Kodici Civili u l-principji hemm kontenut jinsabu trattati mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawzi Albert Borg Falzon vs Chalres Darmanin [1940][Vol.XXX.I.869]. Consiglia Fenech vs Angelo Carabott [1941][Vol.XXXI.I.467]; Kurunell Hugh Raymond vs Neg.Manwel Busuttil pro et noe [1942][Vol.XXXI.I.554]. Gie ritenut li f' kaz ta'

6 Fol.50
7 Ittra 12.08.93 mid-Direttur tal-Informazzjoni lill-Accountant Generali – Fols.78-79

inadempjenza kontrattwali, biex id-debitur jezimi ruhu minn kwalumkwe responsabbilita' jehtieg jipprova li l-inadempjenza tieghu kienet dovuta ghall-ostakolu derivanti minn kawza esterna, li ma kienx imputabbli ghalih, la direttament u lanqas indirettament, u li wkoll kien insormontabbli u imprevedibbli permezz tad-diligenza ordinarja li huwa kien obbligat juza; ghax mhux obbligat li juza d-diligenza straordinarja peress illi fin-nuqqas ta' dina ma hemmx htija skond il-ligi. Inoltre, "ghall-applikazzjoni tal-prevedibbilita' ta' l-event ghandha tigi applikata t-teorija tal-bonus paterfamilias li fin-nuqqas taghha ggib il-culpa tad-debitur, li allura jisnatura l-kuncett ta' forza maggiore".

Illi fil-kawza Borg Falzon vs Darmanin gie osservat li l-principji sue esposti ma jeskludux "l-applikazzjoni tat-teorija tal-'presupposti kontrattwali' jew klawsola rebus sic stantibus li skond il-principji taghna huwa presuppost illi l-partijiet riedu dak il-kuntratt that ic-cirkostanzi imperanti fil-mument tal-kontrattzzjoni." Ghax ghalkemm gie ritenut mill-istess Qorti fil-kawza Bonello vs Depiro [1920][Vol.XXIV.I.379] illi "la massima rebus sic stantibus non puo operare sul nostro diritto per riguardo a quei contratti di natura aleatorja [dan japplika] a meno che il fatto sopravvenuto non sia un caso fortuito di forza maggiore che renda ineseguibile l' obbligazione."

Gie ritenut ukoll li l-prova tal-forza magguri jew tal-kaz fotuwitu, bhala kawza liberatrici tar-responsabbilita', ghandu jaghmilha d-debitur li qed jallegaha; u l-kreditur kull ma jirid jipprova huwa l-ezistenza tal-obbligazzjoni. Spetta allura ghad-debitur li jressaq il-prova tal-inesegwibilita' tal-obbligazzjoni minnu assunta minhabba forza rrezistibbli minnu allegata. Inoltre, kull kaz ghandu jigi konsidrat ghalih peress illi c-cirkustanzi ta' zmien jew ta' natura ohra jistghu jbiddlu s-soluzzjoni fis-sens illi l-event, fejn kien imprevidibbli f' kaz isir previdibbli f' kaz iehor, u ghalhekk l-esekuzzjoni jew l-inevitabilita ma tkunx impossibbli.

Fuq il-kazijiet ta' diffikulta' fl-ezekuzzjoni ta' kuntratt minhabba awment fil-prezzijiet, il-gurisprudenza nostrana tinsenja:"Veru huwa … li l-gholi tal-prezz mhix raguni

valida biex tiggustifika l-'forza maggiore' specjalment fil-kuntratti aleatorji, kif inhu l-appalt, izda gie anke ritenut illi l-prezz, anzi f' kazijiet bhal dawn, ma ghandhux ikun tali illi jgib hsara enormi lid-debitur"[Vol.XXXI.I.554] " .. meta l-ezekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni ssir impossibbli jew tant gravuza ghad-debitur, illi min ghandu jiggudika jara li ma jkunx gust li d-debitur jigi kundannat ghall-adempiment taghha." [Vol.XXXI.I.467]. Dawn huma applikazzjoni tal-principji kif esposti mill-awtur Cogliolo [Scritti di Diritto Privato][8]: " l'aggravamento del rischio, l'obbligo di maggiori spese, lo scomparire di ogni guadagno del venditore non sono ragioni di rottura del contratto….. Sarebbe un errore dire che le difficolta' sien pure grandi, della prestazione esonerano dal compierla; ma sarebbe pure un errore il dire che per l' esonero ci vuole l' assoluta obiettiva impossibilita'. Tocca al magistrato caso per caso … Di piu', il-diritto non puo' dire, ne' una formola piu' ricca di contenuto e possibile dare; il resto e' lasciato all arbitrium judicis."

*Osservazzjonijiet fil-meritu*
Illi b' applikazzjoni ghall-principji fuq esposti, il-Qorti tosserva li fil-kaz odjern, sabiex is-socjeta' konvenuta tirnexxi fl-eccezjoni taghha tal-forza maggjuri, hija ghandha l-oneru li tipprova li l-inadempjenza taghha kienet unikament dovuta ghall-ezistenza ta' ostakolu estrenew ghaliha, mhux imputabbli ghaliha, u li huwa insormontabbli [cui resisti non potest][9] u li kien imprevidibbli bid-diligenza ordinarja tal-bonus paterfamilias. Il-prova ta' dan tirrisjedi fuq il-konvenuta li qeda tallegaha, a bazi tal-massima onus probandi incumbit ei quid dicit non ei qui negat.

Illi f' dan ir-rigward il-Qorti tirravvisa nuqqasijiet serji fil-kaz tas-socjeta' konvenuta u senjatament mankanzi fil-provi, li necessarjament iwasslu ghall-insostenibilita' tal-eccezzjonijiet taghha.

Fl-ewwel lok jigi osservat li, ghajr ghad-deposizzjoni ta' Anthony Micallef, Managing Director, tas-socjeta'

---
[8] Kwotat fil-kawza *Fenech vs Carabott* - supra
[9] Ulpiano

konvenuta, u l-esebizzjoni tal-korrispondenza skambjata bejnu u bejn id-dipartiment koncernat, ma tressqux provi ohra minn naha konvenuta.

Rigward ix-xhieda tal-imsemmi Anthony Micallef, jigi osservat li in materja dan xehed li "fit-22 ta' Jannar 1993 skoprejna li kien hemm devaluation f' Novembru fil-pound sterling u b' hekk il-prezz inbidel … ahna ma kellniex x' naqsum mad-devaluation tal-liga ingliza".[10] U fid-dikjarazzjoni guramentata minn certu Raymond Micallef, annessa mac-citazzjoni, il-konvenuta spjegat "Illi l-kuntratt ma setghax jigi ezegwit minhabba forza magguri ghaliex giet zvalutata l-lira sterlina bejn id-data ta' l-offerta u l-accettazzjoni".[11] Fil-korripsondenza tieghu tas-16 ta' Marzu 1993 l-istess Anthony Micallef allega li d-differenza fil-prezzijiet kienet "more than forty per cent increase".

In propositu l-Qorti tosserva li dawn il-provi, per se, huma nsodisfacenti ghas-success tad-difiza tal-forza maggjuri. Apparti minn dawn l-asserzjonijiet generici, il-konvenuti ma gabu ebda prova ohra in sostenn tat-tesi taghhom tal-forza maggjuri; bhal per ezempju, prova li turi l-allegat tibdil fil-prezzijiet; jew prova dwar kif dan l-allegat tibdil ser jaffettwa din il-posizzjoni tal-kumpanija mill-aspett ta' qligh u telf; jew prova li dan l-allegat tibdil ser jikkaguna lill-kumpanija piz finanzjarju enormi jew estravaganti. Il-konvenuti naqsu li jgibu prova dwar dak minnhom allegat fl-imsemmija ittra li "our prices were confirmed and valid from our supplier on export price list for 1992"; kif ukoll naqsu li jressqu provi f' dan ir-rigward in sostenn tal-eccezjonijiiet taghhom, ghall-iskrutinju tal-Qorti u tal-attur, u li fuqhom din il-Qorti seghet tiddeciedi pro bono et aequo jekk l-allegati ziediet fil-prezzijiet kienux verament jimponu fuq is-socjeta' konvenuta piz tant qawwi u gravuz li jirriendu gust u legali l-ezoneru mir-responsabbilita' ghad-danni subiti mill-attur.

F' materja ta' provi, huwa rilevanti dak li osservat fuq l-aspett fattwali tal-kawza, l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fuq indikata li ddecidiet favur il-konvenut ghab-basi

[10] Fol.113 tergo
[11] Fol.33

tal-konsiderazzjoni li bl-esekuzzjoni tal-ftehim, minflok qligh ta' £50, il-konvenut kien ser jsofri telf ta' ammont minn £300 sa £400;  u kkunsidrat "din il-perdita bhala eccessivament gravuza u barra minn kull proporzjoni mal-qligh ripromess u ma' kwalunkwe idea ta' limiti ta' riskju li setghu l-partijiet jikkontemplaw fiz-zmien tal-kuntratt."[Falzon vs Darmanin [1940]

Il-konvenuti strahu fuq allegazzjonijiet generici, nudi u krudi, minghajr xintilla ta' prova in sostenn taghhom.  Il-gravita' ta' dan in-nuqqas tassumi proporzjon akbar tenut kont tal-konsiderazzjoni segwenti:

1. Illi is-socjeta' kienet qeda tibbaza il-kaz taghha fuq dawn l-allegati fatti, mill-bidu nett tal-vertenza,u cioe mis-16 ta' Marzu 1993,

2. Illi f' korrispondenza datata 16 ta' Awissu 1994 skambjata bejn il-konsulenti legali tas-socjeta' konvenuta u  l-attur, in iscriptum gibed l-attenzjoni tal-konvenuti ghall-fatt li ma gietx prezentata"written evidence  …. which would have proved beyond any reasonable doubt that in fact the firm had been let down by his Principals or that there was as breach of contract for which his Principals were totally and solely responsible".[12]  l-socjeta' konvenuta b' ittra sussegwenti tas-7 ta' Settembru 1994 rrispondiet hekk: "We have presented such documents during the board meeting held at the Treasury in January 93 which proved our evidence in the case".[13]  F' ittra sussegwenti datata 4 ta' Ottubru 1994, l-attur irrisponda fis-sens li d-dokumenti prezentati mill-konvenuti ma kienux sufficjenti, u talabhom  "to substantiate your claims for not honouring your contractual obligations by the submissions of original documentation from independent parties".[14]
Mill-kontenut ta' din il-korripsondenza tirrizulta manifesta l-aspettativa legittima da parti tal-attur, manifestata f' Awissu 1994, ta' provi minn naha tal-konvenuti in sostenn tal-allegazzjonijiet taghhom.  Provi li huma relevanti ghas-

[12] Fol.88
[13] Fol.92
[14] Fol.93

success tal-eccezzjoni tal-forza maggjuri, u li s-socjeta' konvenuta kellha l-oneru li tressaq fil-proceduri odjerni, izda li jirrizultaw lampantament mankanti.

3. Jigi osservat ukoll li d-diligenza tal-bonus paterfamilias kienet tirrikjedi li qabel ma s-socjeta' konvenuta tidhol f' rabta kontrattwali mal-attur u tikkommetti ruhha biex tforni l-karti li kellha timporta minn barra, minghand supplier iehor, hija kellha tassigura forma ta' ftehim ma' dan is-supplier li kien jorbot li dan tal-ahhar fil-konfront taghha; u akbar ma jkun il-valur tal-appalt, akbar ikun dan l-oneru fuq l-appaltatur. Izda anke f' dan ir-rigward il-provi tas-socejta' konvenuta huma mankanti, fis-sens li ma ngabet ebda prova f' dan ir-rigward.

4. Illi konsiderazzjoni ohra li tkompli ddghajjef it-tesi konvenuta tal-forza maggjuri hija n-nuqqas ta' provi da parti tas-socjeta' konvenuta li dawna effettivament ipprovaw u ghamlu hilithom kollha biex jissodisfaw l-obbligi taghhom, anke okkorrendu billi jirrikorri ghall-fornituri ohra. Fil-kaz precitat, l-istess Onorabbli Qorti osservat hekk fuq il-fattispecie ta' dak il-kaz: " .. huwa pruvat konvincentement illi meta d-ditta Olandiza li kellha tforni lill-appellant il-karta minnu mwieghda lill-attur, dak ghamel li seta' kif jidher mid-dokumenti ezebiti, mhux biss biex igieghel lid-ditta Olandiza tibghat il-kara, izda biex iggib il-karta minn band' ohra …. Huwa talab karta lil aktar minn hamsin ditta ta' diversi pajjizi, li bosta rrispondew negattivament bl-ittri ezebiti mal-petizzjoni u ohrajn lanqas wiegbu."[15]

Inoltre, jigi osservat li l-fatt li s-socjeta' Galaxy Ltd, li hadet il-kuntratt wara s-socjeta' konvenuta, forniet l-istess materjal minghand l-istess socjeta' estera fornitrici, dan il-fatt, in mankanza ta' provi dwar it-telf li s-socjeta' konvenuta allegat li ser issofri bl-esekuzzjoni tal-kuntratt, jimmilita kontra t-tesi tal-inadempjenza kontrattwali tal-konvenuta minhabba forza maggjuri.

[15] Sottolinear ta' din il-Qorti.

In vista tal-premess, il-Qorti hi tal-fehma li t-tieni eccezzjoni bazata fuq id-difiza tal-forza maggjuri hija insostenibbli fattwalment u legalment.

Illi in fine jigi rilevat li l-fatt li kien l-istess supplier barrani li forna lill-kuntrattur il-gdid [Galaxy Ltd.] bl-ordni rikjesta, ma jimmilita bl-edba mod kontra l-attur, ghar-raguni li l-attur ma kellu ebda rabta kontrattwali ma' dan is-supplier, izda biss mas-socjeta' konvenuta li allura kellha addossat fuqh r-responsabbilita' li tassigura l-posizzjoni taghha f' dan ir-rigward u li dak li ftehmet mat-terzi jigi osservat. Ghal dan ir-rapport, l-attur huwa res inter alios acta. Ghaldaqstant t-tielet eccezzjoni hija manifestament insostenibbli.

Illi ghalhekk, tenut kont tal-provi da parti tal-attur tal-ezistenza tad-danni, fl-ammont ta' Lm4,818, konsegwenzjali ghall-inadempjenza kontrattwali da parti tas-socjeta' konvenuta li minn naha taghha ma pprovatx li giet ostakolata fl-impenji kontrattwali taghha minhabba forza magguri fil-kuntest tal-principji suesposti, il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici huma gustifikati u sostnuti fil-fatt u fid-dritt, u ghalhekk ghandhom jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, previa rigett tal-eccezjonijiet tas-socjeta' konvenua, tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti, u tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' erbat elef tmien mija u tmientax il-lira maltin [Lm4,818] in linea ta' danni kaggjonati minnha lill-attur minhabba l-inadempjenza kontrattwali da parti taghha kif fuq spjegat. Bl-ispejjez kollha a kariku tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------